# Beati u Qaddisin....Gunju

## 9 ta' Gunju
## San Efrem djaknu u duttur tal-knisja

Ftit ghandna taghrif fuq hajtu. Twieled gewwa Nisibi fil-Mesopotamja fil-bidu tas-seklu erba. Probabilment fis-sena 306. Kellu biss 7 snin meta Kostantinu hareg l-editt ta' Milan. Madanakollu jidher li Efrem ma setghax igawdi il-liberta tal-qima fil-familja, ghax missieru kien sacerdot pagan u kien ftit li xejn lest li jaccetta din il-formazzjoni nisranija ta' ibnu minn ommu. Efrem kien imkecci mid-dar. Ta' 18 il-sena ircieva l-Maghmudija u ghex f'Edessa. Fis-sena 338, Nisibi kienet attakata mill-Persjani u Efrem mar biex jiddefendi lil pajjizu. Meta Nisibi waqghet taht il-hakma tal-Persjani Efrem sar djaknu fis-sena 365 u stabbilixxa ruhu gewwa Edessa fejn fetah skola. Hemm miet fid-9 ta' Gunju 373. It-tradizzjoni tfakkru bhala bniedem rigidu. Huwa kien ixerred it-taghlim tal-knisja genwinament u kien juza il-poezija biex jaghmel dan. Ghalhekk kien imlaqqam "l-arpa ta' l-Ispirtu Santu." Ma kitibx dawn il-poezija ghall-gieh letterarju izda bhala mezz pastorali. Huwa hu wkoll il-poeta tal-Madonna ghaliex kiteb 20 innu Marjan. Lejha kellu devozzjoni u lilha kien isejjah bhala l-aktar splendenti mix-xemx, ghaqda bejn is-sema u l-art, paci ferh u sahha tad-dinja, kuruna tal-vergni, kollha pura, immakulata, bla tahsir, beatissma, venerabbli, onorabbli......